repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**Dr George-Marius Hyzler**
Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta VLT1210

3 ta' Marzu 2021

Sur Kummissarju,

Għan-nom ta' Repubblika, qed inressaq ilment dwar l-imġieba tas-Sur Nigel Vella, li bħala persuna ta' fiduċja okkupa l-kariga *full-time* ta' Deputat Kap tal-Komunikazzjoni tal-Prim Ministru waqt li fl-istess ħin okkupa wkoll kariga oħra ta' persuna ta' fiduċja *full-time* bħala konsulent fuq il-komunikazzjoni fil-Ministeru ta' Għawdex.

Repubblika jidhirlha li din mhix imġieba xierqa minn persuni ta' fiduċja imħallsa mill-poplu Malti u tikkostitwixxi abbuż.

Meta ħarisna lejn il-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* (verżjoni ta' Ġunju 2020), publikat mill-Uffiċju tas-Segretarju Parlamentari Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru li jirregola dawn il-ħatriet, innutajna li:

1. ma hemm l-ebda provvediment għall-kariga ta' Deputat Kap tal-Komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, okkupata mis-Sur Vella, u dan il-post u ma jissemmiex fil-"Maximum Staff complement for the Prime Minister's Secretariat" (7.7.4);

2. 7.6.1 jipprovdi li "*A Ministry that has no Parliamentary Secretariat is entitled to four Policy Consultants*". It-tweġiba għall-Ministoqsija Parlamentari 19216 tista' tagħti x'jifhem li fil-Ministeru għall-Għawdex hemm sitt policy consultants, wieħed minnhom is-Sur Nigel Vella, għalkemm ismu huwa moħbi fuq is-sit tal-Parlament. Huwa minnu li dawn is-sitta jistgħu ma jaqbżux l-erbgħa "full-time equivalents" imma dan ma nistgħux inkunu nafuh.

3. 7.7.8 jistipula li kull applikazzjoni għall-ħatra ta' Policy Consultant, bħal dik tas-Sur Nigel Vella, trid tkun approvata mill-Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru. Allura din il-ħatra, li dwarha qed nilmentaw, kienet approvata minn persuna ta' fiduċja oħra, il-Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru.

4. 7.8.11 hija ċara li "*All Secretariat employees are required to conform to the Code of Ethics for Public Officers or any other Code of Ethics as prescribed by law as the case may be. In line with this Code, all officers must first obtain the written recommendation of the Head of Secretariat of the Ministry, and then obtain the written approval of the Permanent Secretary of the Ministry concerned if they wish to take on any form of outside employment or business interest in addition to their Secretariat duties.*" Għalhekk jidhrilna li f'dan il-każ hemm potenzjalment imġieba skorretta kemm mis-Sur Vella innifsu kif ukoll mis-Segretarju Permaneti Ewlieni u mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex.

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba MQB1011
contact@repubblika.org

Repubblika tqis li dan il-każ huwa sintomu ta' problema ferm akbar, l-użu abbużiv ta' ħatriet fuq bażi ta' fiduċja mill-Gvern mingħajr l-ebda skrutinju. Dan l-abbuż qed jherri kemm is-Servizz Pubbliku kif ukoll il-fiduċja taċ-ċittadini fl-imparzjlità u l-kompetenza ta' dan is-servizz.

Nittamaw li l-investigazzjoni tiegħek tgħin biex tibda tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni abbużiva.

Inselli għalik,

**Dr Robert Aquilina**
President